# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-18 ta' Ġunju 2020**

Appell numru 171 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Peter sive Pierre FALZON**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-11 t'April 2018 fil-konfront ta' Peter sive Pierre FALZON detentur tal-karta tal-identità bin-numru 535060M fejn ġie mixli:

> Talli f'Awissu 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghek ta' Nutar Pubbliku :

(a) approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna/i ohra, s-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37 Euro) ghad-dannu ta' Lourdes Sciberras, Nicholas Sciberras, Antoinette Borg u Maria Sciberras (u dan fuq flus relatati ma' denunzja tas-successjoni tal-mejjet Joseph Carmel Sciberras), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju;

(b) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37 Euro) ghad-dannu ta' Joseph Deguara u Maria Agius (u dan fuq flus relatati ma' denunzja tas-successjoni tal-mejta Theresa Agius), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju;

(c) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37 Euro) ghad-dannu ta' Margaret Pace u Carmelo Pace (u dan fuq flus relatati ma' denunzja tas-successjoni tal-mejjet Giovanni Pace), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju;

(d) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37 Euro) ghad-dannu ta' Maria Cini u Joseph Cini (u dan fuq flus relatati ma' denunzja tas-successjoni tal-mejjet Amante Cini), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju;

(e) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi, fil-kapacita' tieghek ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi skur tad-dmirijiet

tieghek, ghamilt jew inqast li taghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' Lourdes Sciberras, Nicholas Sciberras, Antoinette Borg, Maria Sciberras, Joseph Deguara, Maria Agius, Margaret Pace, Carmelo Pace, Maria Cini u Joseph Cini;
(f) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi, ikkommettejt tali reati, filwaqt li kont ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sirt hati ta' reat li int kellek tissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghek kellek d-dmir li timpedixxi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat il-Liġi senjatament Artikoli 138, 141, 293 u 394 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rat l-atti u d-dokumenti kollha u semgħet ix-xhieda, stqarret illi :

Illi fil-kaz in desamina x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni xehdu u spjegaw kif huma in effetti kienu ghaddew varji somom ta' flus ghal raguni specifika u cioe' sabiex jaghmlu d-dikjarazzjoni causa mortis tal-varji membri tal-familja taghhom u sabiex l-imputat Nutar jirregistra tali att mall-awtoritajiet kompetenti. Irrizulta pero' ghal xi raguni jew ohra li l-imputat pero' naqas li jaghmel dan fiz-zmien propizju tieghu. Jidher li hemm certu kazijiet fejn ir-registrazzjoni saret tardivament fuq nsistenza tal-kwerelant partikolari pero' ghad hemm xi atti li m'humiex registrati sa llum minkejja li l-kwerelant partikolari ikun gja ghaddhielu l-flus sabiex dawn jigu mghoddija lil Gvern ta' Malta. L-imputat fl-istqarrija li kien irrilaxxja nhar l-24 ta' Awwissu 2012 esebita fl-atti a fol 35 immarkata bhala Dok JA8 ikkonferma li l-flejjes li gew mghoddija lilu m'uzahomx ghall-iskop li gew moghtija lilu, izda huma merfughin ghandu. Cio' nonostante minkejja li huma merfugha ghandu xorta ghadu ma ssaldax il-pretensjonijiet tat-terzi persuni kollha li xehdu f'dawn il-proceduri. Illi mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li kien hemm deposit maghmula kemm mill-imputat kif ukoll minn martu Helen ta' flejjes li kellhom jigu

mghoddija lil Gvern li minflok gew depozitati fil-kont tas-socjeta' Elpirega Limited kif stqarr rapprezentant tal-Bank of Valletta Ltd Romwald Attard u ghalhekk f'din l-istanza zgur li tkun saret il-konversjoni li titkellem dwarha l-ligi u cioe' li f'dak il-mument l-imputat ikun approprja ruhu minn tali flejjes.

Kif jispjega l-gurista **Francesco Antolisei** :

"*La vera essenza del reato (di appropriazione indebita) consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse propietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre' (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol 1, p. 276).

Il-**Maino** fil-ktieb tieghu "**Commento al Codice Penale Italiano**", UTET (Milano) 1992, vol IV, pagna 104 :

"*La approprianzione indebita si consuma col disporre della cosa contro la legge del patto stipulato a buona fede*".

Illi jinghad li l-*modus operandi* uzat minn Nutar imputat f'dawn l-erbgha akkuzi hija l-istess fejn si tratta ta' ksur jew vjolazzjoni tal-fiducja mqeghda fuqu mill-istess kwerelanti. Illi ghalhekk din l-akkuza ta' approprjazzjoni indebita hi aggravata peress li l-flus gew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni u l-kariga tieghu waqt is-servizz tal-istess.

Dwar il-hames akkuza u cioe' dik disposta fl-Artikolu 138 tal-Kodici Kriminali, l-imputat gie akkuzat li fil-kapacita' tieghu ta' impjegat pubbliku dolozament u bi ksur tad-dmirijiet tieghu naqas li jaghmel att b'taghkis u bi hsara ghall-kwerelanti msemmija fl-akkuza. Dwar l-ewwel kwezit ta' dan ir-reat l-Artikolu 2(1) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi :

"*In-nutara huma ufficjali pubblici. Huma awtorizzati li jircievu atti fost il-hajjin u testmenti, li jaghtuhom fidi pubblika, li jwiegbu ghall-kustodja taghhom u li jaghtu kopji u estratti ta' dawn l-atti jew testmenti.*"

Ghalhekk ma hemmx dubju li n-nutar imputat huwa ufficjal pubbliku li hu awtorizzat jircievi atti.

Dwar it-tieni rekwizit ta' dan l-istess reat u cioe' l-obbligu li ghandu n-Nutar din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha stess fil-konfront tal-istess imputat nhar is-16 ta' Gunju 2016 fejn il-Qorti ezaminat id-dmirijiet tal-kariga ta' nutar : F'dik is-sentenza il-Qorti qalet li: -

*"Jekk nutar jassumi inkarigu u jaghmel dak ix-xoghol mistenni minnu, w dan ikun konness ma' xi inkarigu addizzjonali, kif kien f' dan il-kaz (u cioe' li jghaddi l-flus minnu migbura), in-nuqqas li jaghmel dak minnu mistenni huwa kbir u dan ghaliex zgur li tali azzjoni ma tkun qatt wahda prevista."*

Fil-fatt il-gurista Carnelluti spjega l-importanza tal-professjoni nutarili u jghid li '*tanto piu' notaio, tanto meno giudice,*' cioe' li iktar man-nutar iwettaq dmirijietu tajjeb, inqas hemm htiega li wiehed jirrikorri quddiem il-qrati. Kif ipproceda n-nutar ta lok biex il-kwerelanti sofrew prejudizzju kbir hafna. Fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet li huma inerenti ghall-attivita' professjonali tieghu, nutar hu tenut li josserva ghad partikolari ta' diligenza li hu superjuri ghal dak ta' persuna medja.

Il-Qorti ta' **Cassazione Italiana** fil-kaz numru 14934 datat 22 ta' Ottubru 2002 stqarret li : - '*in linea di principio va osservato che il notaio richiesto di una prestazione professionale assume gli obblighi derivanti dall'incarico conferitogli dal cliente e quindi, fanno parte dell'oggetto della prestazione d'opera professionale, anche quelle attivita' preparatorie e successive, necessarie perche' sia assicurata la serieta' e certezza dell'atto giuridico da rogarsi ed in particolare la sua attitudine ad assicurare il conseguimento dello scopo tipico di esso e del risultato pratico volute dalle parti dell'atto.*'

Din il-hames akkuza tirrizulta wkoll ben pruvata.

Dwar is-sitt akkuza l-imputat hu akkuzat li kkometta reat filwaqt li kien ghadu ufficjal pubbliku u ghalhekk bi ksur tad-dmirijiet tieghu. Din l-akkuza hi wkoll pruvata u dan ghaliex l-imputat li hu ufficjal pubbliku qed jinstab hati tar-reati ta' misappropprazzjoni aggravata kif ukoll talli naqas fid-dmirijiet tieghu ta' ufficjal pubbliku.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni il-gravita' tal-kaz fejn professjonist bhal ma hu Nutar, li ghandu l-obbligi li jittutela l-ligi u jissalvagwardja d-drittijiet ta' persuni li jirrikorru lejn is-servizzi tieghu, jispicca biex jinganna u jippregudika proprju lil min fdah biex jipprotegi l-interessi tieghu.

Rat illi huwa minnu li l-imputat ghandu fedina penali netta pero' ma kienx mistenni altru minn imputat professjonist u ghalhekk hija tal-fehma li ghandha tapplika piena karcerarja.

Rat illi l-imputat gja hallas ammont konsiderevoli tal-ammonti li huwa kien approprja mill-kwerelanti mertu ta' din il-kawza u ghad baqa' biss li jirristitwixxi lil **Margaret Pace** l-ammont ta' disat elef u erba' mitt ewro (9400 Euro) kif imsemmi fil-kwerela mibghuta minnha fis-17 ta' Novembru 2011 lill-Economics Crimes Unit u lil **Joseph Deguara** s-somma ta' tlett elef, erba' mija u hames ewro (3405 Euro) peress li dan Deguara,

kif stqarr hu stess, kellu jhallas din is-somma darbtejn sabiex id-dikjarazzzjoni tal-*causa mortis* tieghu tigi rregistrata.

3. Għal dawn il-motivi l-Qorti tal-Maġistrati sabet lil imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu pero' kienet tal-fehma, sabiex tagħmel ġustizzja kemm mall-vittmi ta' dan il-każ kif ukoll mas-soċjeta', li l-piena ta' priġunerija li hija kienet sejra tinfliġġi kellha tkun priġunerija ta' sentejn sospiża għal perjodu massimu ta' erba' (4) snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, u dan bl-isperanza li l-imputat jirrifondi lura l-krediti dovuti lil kwerelanti fuq imsemmija fi żmien sitt xhur mil-lum u cioe' s-somma ta' disat elef u erba' mitt Euro (9400 Euro) lil Margaret Pace u s-somma ta' tlett elef, erba' mija u ħames Euro (3405 Euro) lil Joseph Deguara u dan ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali.

   Din l-ordni kellha titqies bħala direttiva li tkun qed tobbliga lil ħati imputat **PETER (maghruf bhala PIERRE) FALZON** sabiex jirristitwixxi lil parti offiża u ċioe' liż-żewġ kwerelanti individwalizzati aktar 'il fuq iz-zewġ somom ġja ndikati ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Finalment il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 190 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat ukoll fil-konfront tal-imputat l-**interdizzjoni ġenerali perpetwa** ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi ġiet inkluża direttiva bis-saħħa tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil ġati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt dan l-artikolu u li jekk jonqos li jikkonforma ruħu ma' din id-direttiva, ma jkun hemm l'ebda triq oħra salv li jiġi mibgħut il-ħabs.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex fil-każ ta' ħtija l-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti u sabiex tikkundanna lil imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mall-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet stante li ma ġew esebiti l'ebda oġġetti u lanqas ma ġew maħtura esperti f'din il-kumpilazzjoni ġie dikjarat li ma kien hemm l-ebda inkjesta in konnessjoni ma' din il-kumpilazzjoni.

Il-Qorti ordnat ukoll li din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Qrati Kriminali sabiex tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

4. Illi minn din is-sentenza Peter sive Pierre FALZON interpona appell permezz ta' rikors datat 16 t' April 2018 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi revokata u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni u piena, u alternattivament u mingħajr prejudizzju, f'kaz li l-appell ma jintlaqax, li tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li saħaq is-segwenti: -

Illi **l-ewwel aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il'boghod mill-piz tal-prova rikjesta mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u s-sejbien ta' htija tal-imputat hija 'unsafe and unsatisfactory'.

Illi kif irrimarkat din l-Onorabbli Qorti stess fis-sentenza, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Concetta Charles**, deciza nhar l-20 ta' Settembru 2011, kien stabbilit skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin :

*1. 'Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-propjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-propjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffigura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridtx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-propjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*

*3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu l-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-sugget attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-propjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita.'*

Illi bl-akbar rispett, kif se jkun ippruvat waqt il-mori tal-appell, l-esponent ma jaqbilx mall-Onorabbli Qorti, li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha u cioe' l-elementi kollha li jwasslu ghar-reat tal-misapproprijazzjoni minghajr l'ebda dubju dettat mir-raguni.

Fix-xhieda tieghu l-esponent sostna li l-flus moghtija lilu mill-klijent sabiex ihallas it-taxxa ma uzahomx ghal xi haga ohra u l-intenzjoni tieghu hija li dawn il-flus juzahom sabiex proprju jhallas il-bolol dovuti. Fix-xhieda tieghu l-esponent sostna li minn meta gie lura Malta, wara li kellu jitlaq hesrem minn Malta sabiex ikun vicin martu li kellha tinghata l-kura

barra minn Malta, diga' hallas is-somma ta' tlett mitt elf Euro (300,000 Euro) f'bolol.

Bl'akbar rispett, l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova li l-element intenzjonali tal-esponent kien li jzomm il-flus sabiex idawwarhom ghal xi profitt jew uzu ghalih personali jew sabiex juzahom ghal skop differenti minn dak li kienu gew fdati lilu.

Illi minghajr prejudizzju ghall-aggravju precedenti **t-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :

Illi bl-akbar rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx korretta meta argumentat illi fil-mument il-flus m'ghaddewx direttament lil Kummissarju tat-Taxxi izda gew depozitati f'kont bankarju l-imputat approprja ruhu minn tali flejjes.

L-esponent ma setghax jaghmel mod iehor u dan stante l-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jaccettax cekkijiet ta' individwi, lanqas cekkijiet personali ta' nutara. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jaccetta biss bank draft cheques u ghaldaqstant l-esponent bilfors kellu jiddepozita t-taxxa f'kont bankarju u dan sabiex ikun jista johrog bank draft cheque lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u jhallas it-taxxa dovuta.

Ghalhekk jirrizulta li ma hemm l-ebda ksur ta' ligi kif il-Qorti tal-Magistrati ddikjarat.

Illi minghajr prejudizzju ghall-aggravju precedenti **t-tielet aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :

Illi bl-akbar rispett, l-esponent kien iffaccjat b'diversi sitwazzjonijiet li ghamluha impossibli ghalih li jirregistra l-kuntratti kollha, fl-inqas zmien possibli. L-esponenti kien iffaccjat bl-iffrizat tal-assi u b'diversi sekwestri fil-konfront tieghu. Minkejja dan, huwa rregistra kwazi l-kuntratti kollha li kellhom jigu rregistrati (hallas is-somma ta' tlett mitt elf Euro (300,000 Euro) f'bolol u *capital gains*) u llum il-gurnata l-esponent ftit baqaghlu kuntratti x'jirregistra.

Illi finalment l-Avukat tal-Gvern ma ppermettihx aktar lill-esponenti illi jirregistra aktar kuntratti u ghaldaqstant kien prattikament impossibli ghall-esponenti li jirregistra aktar kuntratti.

Bl-akbar rispett l-esponent ma kellu qatt jinstab hati tal-imputazzjonijiet mressqa fil-konfront tieghu.

Illi minghajr prejudizzju ghall-aggravju precedenti **r-raba' aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :

Illi mill-provi kien stabbilit li l-esponent wettaq id-dmirijiet tieghu skond l-Ordinanza dwar il-Professjoni Nutarili u rrediga il-kuntratt rikjest skond il-ligi.

Bl-akbar rispett l-esponenti jikkoncedi li seta' kien negligenti u traskurat meta ma rregistrax l-atti b'mod immedjat u dawn m'ghandhomx iwasslu ghal htija ta' misappropjazzjoni.

Illi minghajr prejudizzju ghall-aggravju precedenti **l-hame aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti :

Bl-akbar rispett l-esponent ma' seta' qatt ikun ikkundannat ghal interdizzjoni generali perpetwa ai termini tal-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex dan l-artikolu ma kienx applikabbli ghar-reati li l-imputat kien akkuzat bihom.

***Ikkunsidrat:***

5. Dan l-appell jistrieħ prinċipalment fuq apprezzament tal-provi prodotti u interpretazzjoni tal-Liġi applikabbli. Din hija Qorti ta' Ġustizzja Kriminali, u li tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-funzjonijiet ta' Qorti tal-Appell Kriminali ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

---

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

7. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

8. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-

konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

10. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

11. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

12. Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

13. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

---

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

14. L-akbar sfida għal kull Ġudikant hi li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

15. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

16. Il-Liġi penali **<u>ma teħtieġx</u>** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali

imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

17. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

18. Meta l-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta – jekk ikun hemm; kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, sabiex tasal li ssib ħtija fl-imputat il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

19. Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-

[7] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[8] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

22. Huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23. Biss, kif intqal aktar il-fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha, inkluż setgħet tara u tisma' lill-appellant jixhed – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xiehda tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xiehda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu.

24. Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza

stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

***Ikkunsidrat : -***

25.Illi fiż-żmien rilevanti għall-dan il-każ, l-appellant kien jeżerċita l-professjoni ta' Nutar Pubbliku. F'dan il-każ l-appellant kien ġie avviċinat minn diversi klijenti tiegħu, kwerlanti f'dan il-każ, biex jippubblika l-atti *causa mortis* ta' qraba tagħhom deċeduti. Dawn l-atti kienu meħtieġa sabiex issir id-dikjarazzjoni tal-assi immobbli tad-*decuius*, kif ukoll sabiex in-Nutar Pubbliku jiġbor it-taxxi dovuti fuq it-trasferiment *causa mortis* li jkun sar. F'dan il-każ jirriżulta li l-kwerelanti kienu ħalsu lill-appellant l-ammont ta' taxxa fuq it-trasferimenti *causa mortis*, iżda li din jew ma ġietx mgħoddija lill-Kummissarju tat-Taxxi mill-appellant kontra dak li kien mistenni li jagħmel; jew għalkemm ġiet imħalsa lill-istess Kummissarju mill-appellant, dan il-ħlas sar **żmien twil wara** li kienet ġiet miġbura din it-taxxa mingħand il-klijenti u **wara** li l-appellant kien iddepożita dawn il-flejjes rappreżentanti taxxi f'kontijiet bankarji "terzi" u kien ħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi **wara** li kien rinfaċċjat bi lmenti jew kwereli kontrih.

***Ikkunsidrat : -***

26. Illi l-appellant jilmenta mis-sejbien ta' ħtija minħabba l-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Jgħid li f'dan il-każ l-elementi tar-reat tal-approprijazzjoni indebita ma ġewx soddisfatti. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-appellant dawwar il-flus mogħtija lilu mill-klijenti tiegħu rappreżentanti taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti għalih personali jew sabiex jużahom għal skop differenti minn dak li kienu ġew fdati lilu. L-appellant jgħid li l-argument li l-mument li flus ma għaddewx direttament lill-Kummissarju tat-Taxxi iżda ġew depożitati f'kont bankarju tal-imputat huwa jkun approprija ruħu mill-istess flejjes ma kienx validu sabiex tissawwar sejbien ta' ħtija fuqu. L-appellant isostni li huwa kellu jagħmel hekk minħabba li l-Kummissarju tat-Taxxi kien jaċċetta ħlas biss permezz ta' bank draft u mhux ċekkijiet personali. B'hekk l-appellant kellu bilfors jiddepożita dawn il-flejjes biex ikun jista' jagħmel il-bank draft relattiv. L-appellant jirrimarka wkoll li kien impossibbli għalih li jirreġistra l-atti kollha minħabba l-fatt li kien milqut minn azzjoni ta' ffriżar tal-assi kif ukoll li kien hemm diversi sekwestri maħruġa kontra tiegħu. Minkejja dan huwa kien irnexxielu li jirreġistra l-atti kważi kollha li kellu ħlief għal ftit. Dan apparti l-fatt li huwa kien ġie projbit milli jirreġistra aktar atti mill-Avukat tal-Gvern. L-appellant jikkonċedi li huwa setgħa kien negliġenti u traskurat meta ma rreġistrax l-atti b'mod immedjat. Iżda dan ma kienx iwassal biex jintegra r-reat t'approprijazzjoni indebita. Finalment jisħaq li huwa

ma seta qatt jiġi kundannat għall-interdizzjoni ġenerali perpetwa skont l-artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu dan l-artikolu ma kienx applikabbli għar-reat li tiegħu ġie misjub ħati.

27. Il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati relattivament għas-sejbien ta' ħtija fir-reat t'approprjazzjoni indebita imputat, kienet tistrieh fuq il-fatt li x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni xehdu kif huma kienu għaddew diversi somom ta' flus lill-appellant wara li għamlu d-dikjarazzjoni *causa mortis* wara d-deċess ta' membri tal-familji tagħhom u sabiex in-Nutar jirreġistra l-atti mal-awtoritajiet kompetenti. Għal diversi raġunijiet l-appellant jew ma għamilx dan jew ma għamilx dan fiż-żmien statutorju jew almenu raġjonevoli. Kien hemm każijiet fejn ir-reġistrazzjoni saret tardivament u fuq insistenza tal-kwerelant partikolari. Iżda kien hemm każijiet oħra fejn l-atti ma ġewx reġistrati mill-appellant minkejja li l-appellant kien diġa rċieva l-flejjes relattivi għat-taxxa fuq id-dokumenti u t-trasferimenti mingħand il-klijent, nonche l-ħlasijiet għas-servizzi professjonali reżi minnu. Il-flejjes rappreżentanti taxxa fuq id-dokumenti kellhom jiġu mgħoddija lil Gvern ta' Malta fiż-żminijiet stabbiliti fil-Liġi.

28. Inoltre l-Qorti tal-Maġistrati innutat li l-appellant kien ikkonferma li l-flejjes mgħoddija lilu ma ġewx użati minnu għall-iskop li għalihom ġew mogħtija lilu, iżda li dawn kienu *merfugħin* għandu. Minkejja dan, f'żewġ episodji, l-appellant ma kienx ħallas il-flus mgħoddija lilu f'taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi. Minflok, dawn

il-flejjes kienu ġew depożitati, parti minnhom mill-appellant stess, u oħrajn minn martu Helen fil-kont bankarju tas-soċjeta Elpirega Limited. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset li f'dak il-mument l-appellant kien approprija ruħu minn dawn il-flejjes mogħtija lilu f'taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti.

***Ikkunsidrat :-***

29. Illi kif korrettement osservat il-Qorti tal-Maġistrati, Nutar Pubbliku huwa **<u>Uffiċjal Pubbliku</u>**. Dan joħroġ mill-artikolu 2(1) tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili li jgħid hekk:-

> 2.(1) In-nutara huma uffiċjali pubbliċi. Huma awtorizzati li jirċievu atti fost il-ħajjin u testmenti, li jagħtuhom fidi pubblika, li jwieġbu għall-kustodja tagħhom u li jagħtu kopji u estratti ta' dawn l-atti jew testmenti.

30. In-Nutara Pubbliċi għandhom is-setgħa mogħtija lilhom mill-Liġi stess li jirċievu atti pubbliċi. Bis-saħħa tal-artikolu 33 tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, huwa dmir ta' kull persuna li lilha tkun ġiet trasferita proprjeta immobbli *causa mortis* li tagħmel dikjarazzjoni ta' tali trasferiment permezz t'att pubbliku fi żmien stabbilit. Biex tkun tista' ssir tali dikjarazzjoni huwa meħtieġ li benefiċjarju minn trasferiment *causa mortis* iqabbad Nutar Pubbliku – ċjoe dak l-Uffiċjal delegat mill-Liġi stess li jippublika atti pubbliċi – biex jagħmel din id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis favur tiegħu u jħallas it-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti dovuti minħabba tali trasferiment.

31. Din id-dikjarazzjoni li ssir quddiem, u tiġi pubblikata minn Nutar, u għandu jkun fiha stqarrija ta' min jirċievi *causa mortis* dwar il-valur reali ta' kull proprjetà jew sehem fiha lilu trasferita. Jekk in-Nutar jonqos milli jsegwi dawn ir-rekwiżiti, il-Liġi teżiġi li huwa jkun passibbli għal reat kriminali skont l-artikolu 11 ta' dak l-Att.

32. Minbarra dan, l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili għandhom ikunu japplikaw għal dikjarazzjoni *causa mortis* bħallikieku dik id-dikjarazzjoni kienet xi wieħed mill-atti msemmija fl-artikolu 50(1) tal-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili. Dan ifisser li dan l-att dikjaratorju tat-trasferiment *causa mortis* irid jiġi reġistrat mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fi żmien stabbilit.

33. Iżda aktar minn hekk fuq dan l-att dikjaratorju tat-trasferiment *causa mortis*, trid ukoll tinġabar mingħand il-benefiċjarju t-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti skont l-artikoli 32 et seq tal-istess Att biex din tiġi mħalsa lill-Kummissarju tat-Taxxi.

34. L-obbligi tan-Nutar taħt l-Att dwar id-Dokumenti u Trasferimenti huwa wieħed oneruż tant li l-istess Liġi żżommu responsabbli, *in solidum* mal-benefiċjarju, li jħallas it-taxxa li tkun dovuta u nġabret fuq dak l-att.[10] Anzi, bis-saħħa tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta, kull Nutar li –

[10] Artikolu 49(1) tal-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta.

(a) jonqos li jħallas it-taxxa dovuta kollha jew parti minnha taħt id-disposizzjonijiet ta' dak l-Att fuq xi att riċevut minnu; jew

(b) jonqos li jsemmi f'dak l-att l-ammont ta' taxxa hekk dovuta; jew

(ċ) jonqos li jikkonforma ruħu ma' kull taxxa imposta fuqu b'regolament li jsir taħt dan l-Att; jew

(d) jonqos li jħallas il-penali kollha jew parti minnha, dovuta taħt l-artikolu 51,

ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, penali ta' mhux inqas minn ħdax-il euro (11) iżda mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa usittin euro (465), u l-proviso li hemm mal-artikolu 11 tal-istess Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jgħodd għal dan l-artikolu.

35. Illi dan kollu juri li n-Nutar Pubbliku mhux biss ritenibbli Uffiċjal Pubbliku bis-saħħa tal-Liġi li tikkostitwixxi u tirregola l-professjoni tiegħu; iżda bis-saħħa tal-Att dwar id-Dokumenti u Trasferimenti, il-Liġi tafdalu wkoll rwol speċifiku fl-amministrazzjoni tal-ġbir ta' dik it-taxxa.

36. Illi dan irid ukoll jinqara' fid-dawl ta' dak li huwa d-definizzjoni ta' Uffiċjal Pubbliku skont l-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid is-segwenti : -

> Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

37. Illi l-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili ġie promulgat bl-Att XI tal-1927. Il-kwistjoni dwar l-istatus ta' Nutar Pubbliku bħala Uffiċjal Pubbliku kienet ġiet indirizzata fl-artikolu 2 ta' dik il-Liġi. Nutar Pubbliku li jkun qed jaġixxi fil-qadi tad-dmirijiet imposti fuqu mill-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta ikun qiegħed jagħmel dan bħala Nutar Pubbliku in kwantu huwa persuna maħtura bil-liġi sabiex teżegwixxi dmir pubbliku, impost mil-istess liġi, u liema dmir huwa ta' natura amministrattiva.

38. Huwa minnu li qabel il-promulgazzjoni tal-Kodiċi Kriminali, Sir Andrew Jameson kien kritika d-definizzjoni ta' Uffiċjal Pubbliku kif kienet proposta in kwantu kienet wiesa wisq u setgħet tinkludi għalhekk, inter alia, nutar pubbliku. Iżda dil-Qorti jidhrilha li dan id-dibattitu ġie mitmum bis-saħħa tal-Liġi stess li, kif intwera' aktar il-fuq, espressament elevat l-istatus professjonali tan-Nutar Pubbliku għal dik t'Uffiċjal Pubbliku, bil-konsegwenzi u responsabbilitajiet li dan iġib miegħu.

39. Kemm Nutar Pubbliku huwa rikonoxxut bħala Uffiċjal Pubbliku jirriżulta wkoll mill-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Silvio Hili*** deċiż minn din il-Qorti presjeduta mill-Prim'Imħallef Emeritu Silvio Camilleri nhar it-13 ta' Marzu 2015. F'dak il-każ, dik il-Qorti stqarret is-segwenti : -

> Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz u jkollha tistqarr li dawn iħassbu bis-sħiħ lil din il-Qorti u jkun ferm żbaljat min jipprova jimminimizza l-gravità tal-każ. Hawn si tratta ta' uffiċjal pubbliku li kemm l-Istat kif ukoll iċ-ċittadin ordinarju neċessarjament jinvestu fih l-ogħla fiduċja u jagħtuh l-akbar affidament li ser jimxi magħhom b'korrettezza u

mingħajr ma jqarraq bl-interessi tagħhom. Minflok, l-imputat f'din l-okkazzjoni ddefrawda s-somma ta' 'l fuq minn elfejn u tlett mitt euro u, kif jirriżulta mil-preċedenti tiegħu, l-appellant f'aktar minn okkażżjoni waħda ttradixxa l-fiduċja tal-iStat u taċ-ċittadin u ddefrawdhom eluf kbar ta' euro.

In mitigazzjoni r-rikorrent jinvoka l-fatt li huwa għamel tajjeb għall-ħsara li huwa għamel billi rrimborża l-ammont kollu li huwa kien akkwista b'qerq, u dan ċertament irid jittieħed kont tiegħu favurih. B'dankollu l-ewwel Qorti, u l-Qrati fil-każijiet preċedenti kontra r-rikorrent, ġia ċertament ħadu din iċ-ċirkustanza f'kunsiderazzjoni meta f'erba' sentenzi separati, inkluża dik appellata, qatt ma imponew piena karċerarja immedjata iżda dejjem ordnaw is-sospensjoni tal-piena ta' priġunerija. Għandu jiżdied li r-rifużjoni ta' dak gwadanjat illegalment ma hux sufficjenti sabiex isewwi l-ħsara lill-fiduċja pubblika li tkun saret b'reat bħal dak ta' llum meta kommess minn ufficjal pubbliku bħal ma hu nutar pubbliku.

40. Meta Nutar Pubbliku jkun qiegħed jopera u jeżegwixxi l-obbligi tiegħu taħt il-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa jkun qiegħed jaġixxi bħala Uffiċjal Pubbliku. Meta Nutar jippubblika att ta' dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis*, u b'mod partikolari meta huwa jkun qiegħed jiġbor it-taxxa dovuta bis-saħħa ta' dak l-att, huwa ma jkunx qiegħed jagħmel sempliċi att professjonali minn suġġett professjonali privat, iżda jkun qiegħed jaġixxi fil-vesti uffiċjali tiegħu t'Uffiċjal Pubbliku inkarigat mill-ġbir ta' taxxa pubblika u li tkun trid tiġi konsenjata lill-Kummissarju tat-Taxxi. Ikun għalhekk qed jaġixxi fil-kwalita tiegħu t'Uffiċjal Pubbliku, *intar alia*, kemm taħt l-Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili kif ukoll tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti.

41. Il-klijent ikun qiegħed iħallas din it-taxxa lin-Nutar fuq l-att mhux fil-kwalita tiegħu personali, jew bħala professjonist, iżda bħala

Uffiċjal Pubbliku, b'Liġi speċifikament delegat biex jiġbor dik it-taxxa u jikkonsenjaha, f'isem il-klijent tiegħu, lill-Kummissarju tat-Taxxi.

42. F'dan ix-xenarju għalhekk, in-Nutar Pubbliku, li jkun qiegħed iwettaq id-dmirijiet tiegħu taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti u jiġbor it-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti, u li minflok iħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi dik it-taxxa miġbura mingħand il-klijenti tiegħu fuq l-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* fiż-żminijiet stipulati mill-Liġi, jagħmel użu differenti jew ħażin minn dawn il-flejjes rappreżentanti t-taxxa dovuta - inkluż billi japproprija tali flejjes għalih jew għal benefiċċju tiegħu jew ta' ħaddieħor - huwa ma jkunx qiegħed iwettaq sempliċiment ir-reat t'approprijazzjoni indebita aggravata kif imfisser fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali iżda jkun qiegħed jintegra r-reat ta' storn imsemmi fl-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali.

43. Ir-reat ta' storn huwa reat speċjali intiż li jindirizza u jippenalizza l-aġir ta' persuni li jkunu qegħdin iwettqu distornament jew sottrazzjoni ta' flejjes jew effetti mobbli fil-vesti tagħhom t'Uffiċjali Pubbliċi, u mhux sempliċiment bħala suġġetti privati, anke jekk huma jkunu qegħdin jeżerċitaw professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minħabba depożitu neċessarju.

44. L-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk : -

> (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti

jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni ġenerali perpetwa.
(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom, mutatis mutandis, jgħoddu wkoll għal u fir-rigward ta' kull impjegat jew persuna oħra meta dawn ikunu qed jaġixxu jew jaħdmu f'xi kariga għal jew f'isem persuna naturali jew ġuridika li tkun topera fis-settur privat li xjentement, matul l-attivitajiet tagħhom ta' negozju, direttament jew permezz ta' intermedjarju u bi ksur tad-dmirijiet tagħhom, jaġixxu b'xi mod previst fl-imsemmi subartikolu.

45. Il-benefiċjarju ta' trasferiment *causa mortis* huwa bil-Liġi obbligat li jagħmel l-att dikjaratorju *causa mortis* ta' proprjeta trasferita lilu b'dak il-mod quddiem Nutar Pubbliku li mhux biss jippubblika dak l-att iżda li huwa wkoll obbligat li jħallas it-taxxa dovuta minnu lil dak in-Nutar li jkun ippubblika l-att. Meta l-benefiċjarju jkun qiegħed jikkonsenja l-flejjes rappreżentanti t-taxxa lin-Nutar, il-benefiċċjarju jkun qiegħed jagħmel dan għax bil-Liġi obbligat li jħallas it-taxxa, u li din trid tinġabar minn dak il-professjonist diżenjat bil-Liġi li huwa n-Nutar Pubbliku li jaġixxi fil-vesti tiegħu t'Uffiċjal Pubbliku, fil-qadi tal-funzjonijiet leġittimi tiegħu, in kwantu huwa obbligat bis-saħħa tal-Liġi li jirċievi dik it-taxxa biex tiġi mgħoddija lill-Kummissarju tat-Taxxi.

46. In-Nutar li jagħmel atti ta' distornament ta' flejjes jew effetti mobbli fdati jew konsenjati lilu jkun qiegħed qabel kollox jabbuża minn u jimmina l-fiduċja pubblika inerenti fil-qadi tal-funzjoni tiegħu bħala Nutar Pubbliku. Kieku huwa jkun irċieva flejjes fil-vesti privati tiegħu għal xi skop determinat u bl-obbligu tar-radd lura, u minflok jagħmel atti t'approprijazzjoni minn dawk il-flejjes, huwa ma jintegrax ir-reat ta' storn, iżda, fil-każijiet kongruwi dak ta'

approprijazzjoni indebita. Iżda meta n-Nutar jippubblika att causa mortis u jirċievi taxxa fuq dokumenti u trasferimenti huwa jkun qiegħed jaġixxi fil-vesti professjonali tiegħu ta' Nutar Pubbliku li huwa Uffiċjal Pubbliku.

47.Skont il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-*Notes on Criminal Law*:[11]

> The elements of this crime under our law, as appears from the definition which the law itself gives, flow from:-
> (i) the character of the person committing it;
> (ii) the mode in which it can be committed;
> (iii)the things in regard to which it can be committed; and
> (iv) the purpose of private gain.
>
> In the first place, the offender must be a "public officer" or "servant". The expression "public officer" is defined in sec. 91. The addition of the word "servant" emphasizes the generality of the expression which thus includes all persons who, in any way, are called upon to discharge any public service, whether in a permanent post or temporarily, whether on payment or otherwise. What is essential is that the offender should have the capacity of public officer or servant, in other words that he should have in his possession or at his disposal the things misapplied or purloined, by virtue of his office or employment, because that which especially characterises this crime of embezzlement is not the public ownership of the things misapplied or purloined, **but the breach and abuse of public trust**.[12] We shall see that this crime can be committed even though the things belong to private individuals.
>
> **The character of "public officer or servant" serves also to distinguish this crime from that of theft or purloining of documents from places of public deposit under sec. 142 and from that of aggravated misappropriation dealt with in sec. 308**.[13]
>
> The things with regard to which this crime of embezzlement can be committed are, according to the said sec. 125 money, credit securities, or documents, bonds, instruments, or any other movable property. But in order that the public officer may be guilty of this particular crime it is essential that these things should have been **entrusted to him by virtue of his office or employment**. **If therefore they were in his hands as a private individual he would be guilty of theft or of fraud but not of this special**

[11] Volum numru 1, paġna 97 *et seq.*
[12] Enfażi miżjuda mill-Qorti.
[13] Enfażi miżjuda mill-Qorti.

**crime. The words "by virtue of his office or employment" imply that it was part of the duties or functions of the officer to receive or hold or have the custody of such things, by express words of the competent authority or, even by long established usage not disapproved by such authorities** (cfr. Regina vs. Police C.C. 23/11/1901).[14] If the things had come into the possession of the public officer not lawfully by virtue of his office, that is to say, in virtue of a duty or function inherent in his office, but, for instance, by an abuse of his powers or duties, this special crime would not arise. (cfr. Rex vs. Fava et C. C 6/8/43).

But if this condition is satisfied, in other words if the things had been entrusted to the public officer or servant by virtue of his office or employment, the law does not require any more. It is not necessary that the money or other things misapplied or purloined by him should belong to the Government or the public administration or that these shuld have suffered any actual damage.....

A private person who deposits a thing or a sum of money in the hands of a public officer by virtue of his office would justly feel aggrieved if the law did not afford him the same measure of protection as it affords to the Government in respect of its own things: in both cases the deposit is made on the strength of the public confidence which public officers should inspire: and any breach of such confidence is equally criminal in both cases irrespective of the derivation of the money or the things.

The material element of the crime consists in "misapplying" or "purloining" the money or things. The old Italian text spoke of "distrarre o sottrarre". The first of these two words would connote the idea of misappropriation, the second the idea of theft.

**Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first, i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession the the thing: he only betrays the trust reposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawfully for his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain**.....[15]

We may here quote what Mr. Justice Harding writes although not with reference to the crime under sec. 125.

> "Embezzlement is a 'crimen interversionis' – that is, it is completed when the lawful 'causa possidendi' is fraudulently substituted by the unlawful 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied (i.e. applied in such a way as to change the original title to possession, which may have been 'causa depositi', 'causa pignoris', etc.) there is fraudulent conversion. It is not necessary that the sum or thing be disposed of and lost to the owner."

[14] Enfażi miżjuda mill-Qorti.
[15] Enfażi miżjuda mill-Qorti.

> It is, nevertheless, essential that the intent of the agent should be that of making a private gain. This word must not, however, be understood only in the limited sense of "pecuniary profit": whatever the satisfaction or enjoyment the agent intended to obtain in wilfully abusing of the things entrusted to him by virtue of his office, the crime subsists.
>
> We have said "wilfully" abusing because in every case it must be proved that the defendant has misapplied or purloined the money or things entrusted to him by virtue of his office. It is not sufficient to prove at the trial a general deficiency in account or a deficit, because such deficiency or deficit might be due to mistakes or negligence which are not sufficient to constitute the formal element of this crime.

48. Illi illum l-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali jiddeskrivi l-att kriminuż tal-istorn mill-uffiċjal jew impjegat pubbliku meta dan *jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom*. Fit-test Ingliż, dan huwa kwalifikat bħala *misapplies or purloins any money, whether belonging to the Government or to private parties, credit securities or documents, bonds, instruments, or movable property*.

49. Kif qal il-Professur Mamo, l-artikolu 118 tal-Kodiċi Kriminali Malti oriġinali kien juża l-kliem *distrarre o sottrarre*, u kien jgħid hekk : -

> Qualunque ufficiale od impiegato pubblico il quale, per privato profitto, distornasse o sottraesse denari pubblici o privati, carte di credito o documenti, titoli, atti od effetti mobiliari, che fossero in suo potere per cagione del suo ufficio od impiego, sara punito coi lavori forzati da due a sei anni, e coll'interdizione generale perpetua.

50. L-artikolu 216 tal-*Codice Per Lo Regno Delle Due Sicilie*, li minnu l-Leġislatur Malti jidher li kien ukoll ispira ruħu, kien jeleva għal reat l-aġir tal-

Percettore, l'incaricato di una percezione, il depositario di pubblico denaro, e chiunque e' tenuto a rendimento di conti verso il pubblico, sara' punito col primo o secondo grado de ferri nel presidio quante volte abbia distornato, o sottratto danari pubblici o privati, carte di credito che li rappresentano, o documenti, titoli, atti o effetti mobiliari, che erano in suo potere per cagione delle sue funzioni.

51.Skont ir-***Roberti,***[16] : -

Tre dunque sembrano gli elementi constitutive del misfatto, dei quali il 1 ° si deduce dal carattere della persona che lo commette; il 2° dal modo con cui può commetterlo;e' l 3° dall'oggetto su cui cade...

643. *I° ELEMENTO tratto dal carattere della persona* – Che *l'edituo*, cioè il semplice depositario o custode del pubblico danaro, non incorresse punto nel peculato qual definivasi pel vecchio diritto, sorgeva dalla disposizion testuale della legge, mentre questa dell'edituo faceva espressa menzione, come dico lui che a suo pericolo conservava il pubblico danaro (4) Ma che per l'opposto non v'incorressero parimenti coloro ch'eran chiamati ad amministrarlo, o anche a presedere ed invigilare alla riscossione del medesimo, dubitavasi con fondamento dagl'interpetri, sì perchè altre disposizioni della stessa antica legislazione vietavano espressamente a tutti gli amministratori del pubblico danaro di darlo a mutuo a chiunque, o di convertirlo in qualunque modo a privato profitto(5), sì perchè messi costoro per ragion della carica in contatto coll'occasione di delinquere, sembrava strano abbastanza che venissero poi sottratti da quelle pene che non per altro eransi certamente fulminate che per allontanare il misfatto (6). Quale d' altronde non è la turpitudine del fallo a fronte dell'abuso della fiducia riposta nel pubblico depositario? Quali anche non sono gl'inconvenienti che da un tale abuso derivano o posson derivare alla pubblica amministrazione?

644. Intente le leggi novelle a togliere per sempre qualunque occasion di disputa in una materia che tanto da vicino interessa l'ordine pubblico, peculato non riconoscono che nell'abuso della fiducia pubblica commesso appunto da coloro, che hanno l'incarico di percepire o di conservare il pubblico danaro. Chiamati essi per proprio ufizio a maneggiarlo, se mal uso ne facciano diconsi colpevoli di malversazione; nome che appunto si è surrogato a quello di peculato, perchè più atto a dinotare l'indole del misfatto, come attualmente vien definito. I privati adunque che non

[16] ***Corso Completo del Diritto Penale del Regno delle Due Sicilie***, Santo Roberti, Vol V, paġna 352 et seq.

abbiano un tale incarico, non incorrono più nel reato in disame, quando anche involassero il pubblico danaro esistente o nelle pubbliche casse o in potere dei contabili pubblici; ma colpevoli bensì divengono di furto per non soggettarsi che alle pene scritte dalla legge intorno al furto, o tutto al più alle pene del saccheggio quando con corrano le circostanze più gravi prevedute nell'articolo 154 (7)....

647. *II° ELEMENTO, tratto dal modo con cui s'incorre nel misfatto* – Quantunque nel furto del pubblico danaro si fosse generalmente dichiarato consistere il peculato secondo il diritto romano, pur la pena del peculato applicavasi altresì a malefizj che sebbene nei loro risultamenti un danno recassero al l'erario pubblico, erano nondimeno di un'indole o affatto diversa da quella del vero peculato, o sola mente in qualche menoma parte affine alla stessa(12).

Al presente, prescindendo dalla estensione maggiore che si è ragionevolmente data ad un tal misfatto per ciò che concerne il soggetto materiale su cui può cadere, la malversazione esiste non solamente quando si sottrae il pubblico danaro col fine di appropriarselo, ma anche quando si distorna o pure si distrae dalla sua primitiva destinazione o per cavarne un lucro qualunque, o per convertirlo in altro qualun que uso privato. Il deposito in generale è talmente sacro che non sia giammai permesso al depositario servirsi della cosa depositata senza il permesso del deponente (15); ma fino a che trattasi di deposito meramente volontario come vien questo definito dalle leggi civili(14) ,la violazione di un tal dovere non sottopone il depositario che alla semplice rifazione dei danni-interessi verso il deponente(15). Quando all'opposto trattasi di deposito necessario, elevasi ragionevolmente a reato la violazione qualunque di esso, dichiarandosi colpevole di frode il depositario che abbia convertito in proprio uso, o altrimenti distratto la cosa depositata per far sulla stessa un lucro qualunque contro la volontà del padrone (16). Or il deposito che fassi presso il contabile pubblico meritava certamente reputarsi come un deposito necessario in quanto agli obblighi di costui (17); e quindi se reato esisteva nella violazione di qualunque altro, un reato piu' grave doveva altresi riconoscersi nella violazione del deposito di simil fatta, non tanto pel danno maggiore che puo' derivarne ed ai privati ed alle pubbliche amministrazioni quanto per l'abuso della carica e della fiducia pubblica che naturalment l'accompagonano. Far quindi un traffico del danaro, che si aveva in deposito per cagion delle proprie funzionei; darlo a mutuo, o convertirlo in qualunque altro uso diverso da quello cui era destinato, a fine di trarne un privato profitto, e' appunto cio' che la legge adopera nella definixione del misfatto.

*648. III° ELEMENTO tratto dal suggetto materiale del reato* - Il diritto romano non parlave che del danaro pubblico, o di quello delle citta' (18). Ma le

leggi vigenti parlano altresi di danari privati, di carte di credito che gli rappresentano, di documenti, titoli, atti o effetti mobili che presso il contabile pubblico esetevano per cagion delle sue funzioni. La pubblica confidenza e' infatti tradita per la semplice violazione del deposito, comunque esso non concerna che il privato interesse di una parte. Astretti a depositare nelle mani del pubblico impiegato una cosa, o una somma qualunque, sia per secondare i voleri della legge a fine di liberarsi da una obbligazione, sia per provvedere con un mezzo di legge alla tutela dei proprj diritti,si lagnerebbero i privati e con ragione di una parzialità deferente nella legge istessa, quando vedessero che la medesima garentisse meno i loro che gl'interessi del fisco, variando pene per la violazione di un deposito, che tanto nell'uno quanto nell'altro caso è sempre fatto all'ombra della pubblica confidenza.

52. Inoltre, fi kliem il-kittieb kontemporanju għal dak il-Kodiċi ***l-Arabia***, fl-opera tiegħu ***I Principii del Diritto Penale applicate al Codice delle Due Sicilie***[17] biex dan ir-reat jitqies integrat irid jiġi mwettaq :

(i) minn persuna li tkun legalment intitolata li tiġbor jew tirċievi flejjes pubbliċi minħabba l-kapaċita pubblika tal-funzjoni tagħha.

(ii) Inoltre huwa meħtieġ ukoll li dan l-uffiċjal ikun għamel att ta' :

> ...*distorno* o *sottrazione* di danari pubblici o privati, carte di credito ecc. Non ci e' *distorno* o *sottrazione* se non quando del danaro o dell'oggetto depositato siasi fatto uso illegale, uso conosciuto, che impedisce o almeno allontana la restituzione.

L'Arabia anzi jkompli jżid li biex dan ir-reat jitqies integrat huwa meħtieġ li l-azzjoni tal-funzjonarju pubbliku tkun irrekat dannu. Anke jekk dak id-dannu

[17] Francesco Saverio Arabia, Volume III, Parte III, Napoli, 1859, paġna 90 et seq.

jkun jista' jiġi riżarċit – minħabba li l-oġġett distornat jew sottratt ma jkunx ġie meqrud totalment jew minabba li jkun ġie restitwit lura tardivament – ir-reat jissussiti xorta waħda. Imbagħad il-fatt tar-restituzzjoni tal-oġġett jew ir-riżarċiment tad-dannu jkunu jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Ġudikant meta jiġi biex jiddeċiedi dwar il-piena erogabbli. Minbarra dan, l'Arabia jisħaq li m'hemmx għalfejn wieħed jgħid li biex jitqies integrat, dan ir-reat jeħtieġ li jkun twettaq dolożament, *poiche nessun fatto materiale basta a costituire un reato qualunque*.

(iii) It-tielet element huwa n-natura tal-oġġett distornat jew sottratt jiġifieri flejjes, karti ta' kreditu, dokumenti, effetti mobbli eċċetra.

(iv) Ir-raba' element huwa li l-oġġetti jridu jkunu fil-pussess tal-ħati peress li jkunu ġew fdati għandu jew lilu minħabba l-kariga jew funzjonijiet pubbliċi tiegħu : *altrimenti potrebbe esservi frode ma non il caso di questo articolo*.

53. Illi t-tifsir ta' dan ir-reat skont ir-***Roberti*** u l-***Arabia*** jixbaħ ħafna dak imfisser mill-***Professur Mamo*** kwantu għal posizzjoni tal-Liġi Maltija. Il-kwalita tal-funzjoni pubblika riflessa fil-kapaċita ta' Uffiċjal jew Impjegat Pubbliku, kemm jekk permanenti kemm jekk temporanju, rikoperta mill-persuna li tiddistorna l-oġġett jew flus fdati lilu minħabba l-kariga pubblika tiegħu tikkostitwixxi qabel xejn abbuż mill-fiduċja pubblika vestita fih in kwantu timmina l-istess fiduċja pubbliku li huwa jkun ġie msejjaħ biex jamministra u

jwettaq. Din il-fattispecie għalhekk tiddistingwi dan ir-reat minn reati oħra – fosthom dak tal-frodi. L-espressjoni "frodi" użata kemm mill-Professur Mamo kif ukoll mill-Arabia, mhix ristretta biss għall-artikolu tat-truffa jew frodi innominata iżda tirrferi għat-tipoloġija tar-reat ta' frodi, li minnha r-reat tal-appropijazzjoni indebita jifforma parti. Del resto, anke l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali Malti, ossija l-approprijazzjoni indebita huwa l-ewwel artikolu fis-Sub-Titolu III msejjaħ *Fuq il-Frodi*. Biss dan ir-reat speċifiku huwa riżervat għal min jagħmel din it-tipoloġija tar-reat fil-kariga u minħabba l-kariga tiegħu t'Uffiċjal jew Impjegat Pubbliku. Dan l-element, kemm skont il-Professur Mamo kif ukoll skont l-Arabia jiddifferenzja ruħu, u meta kommess minn tali Uffiċjal jew impjegat pubbliku, **<u>jeskludi</u>** r-reat t'approprijazzjoni indebita fil-konfront tiegħu. Mamo jgħid dan meta jtenni li l-karattru ta' Uffiċjal jew impjegat Pubbliku **<u>jiddistingwi</u>** dan ir-reat mir-reat t'approprijazzjoni indebita kwalifikata taħt l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali.

54. Din id-distinzjoni ssir ukoll mill-Liġi Taljana odjerna fir-rigward tar-reat ta' *peculato* misjub fl-artikolu 314 tal-*Codice Penale*. Fil-fatt ir-reat fil-*Codice Penale* jaqra hekk :

> Il pubblico ufficiale o l'incaricato di un pubblico servizio, che, avendo per ragione del suo ufficio o servizio il possess o comunque la disponibilita' di denaro o di altra cosa mobile altrui, se ne appropria, e' punito con la reclusione da quattro a dieci anni e sei mesi.

55. Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana iddeċidiet li dan ir-reat ta' *peculato* jiddistingwi ruħu mir-reat tal-*appropriazione indebita aggravata* minħabba r-raġunijiet segwenti : -

> Il delitto di peculato, che richiede nel soggetto attivo il possesso del denaro o della cosa mobile per ragioni d'ufficio o di servizio, si differenzia nella sua stessa materialita' dal delitto di appriazione indebita aggravata *ex* art. 61, n.9, c.p., la cui integrazione presuppone che il possesso sia stato devoluto all'agente *intuitu personae*, mentre l'abuso dei poteri o l'inosservanza dei doveri servono al medesimo non gia' per procurarsi quel possesso, ma ad agevolarlo nell realizzazione della condotta tipica. (Cass, sez. VI, 7 marzo 2007 – 14 settembre 2007, n. 34884, CED 237693).[18]

56. Illi l-argument tal-Professur Mamo li dan ir-reat jiddistingwi ruħu mir-reat tal-approprijazzjoni indebita sabet ukoll eku tagħha, għalkemm *obiter* – in kwantu f'dak il-każ l-aggravji ma kienux jippermettu l-Qorti li tinvestiga l-punt – fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Silvio Hili*** deċiż minn din il-Qorti presjeduta mill-Prim'Imħallef Emeritu Silvio Camilleri nhar it-13 ta' Marzu 2015 fejn, f'każ fejn Nutar Pubbliku li kien ġie mixli (u misjub ħati) b'reati identiċi għal dan il-każ, fuq appell *fir-rigward tal-piena konsistenti f'sospensjoni mill-ezercizzju tal-professjoni tiegħu u f'interdizzjoni ġenerali u perpetwa billi timponi, f'dana r-rigward biss, piena inqas ħarxa minn dik imposta fuqu mill-ewwel Onorabbli Qorti,* dik il-Qorti ħasset li kellha żżid is-segwenti:-

> Finalment wieħed jista' wkoll iżid li ta' min josserva li seta' kien il-każ li jiġi ipotizzat fil-konfront tar-rikorrent ir-reat previst mill-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali li għalih hemm komminata l-piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa. Dan ma ġarax, u din il-Qorti għalhekk ma hix ser tipotizza x'kien ikun l-eżitu kieku dan ġara, iżda dan juri s-serjetà kbira li bih tħares il-liġi lejn reati ta' din ix-xorta.

---

[18] ***Codice Penale annotato con la giurisprudenza***, Giorgio Lattanzi, Giuffre Editore, paġna 827.

57. Iżda fil-fehma tal-Qorti il-fatt kemm id-distinzjoni bejn l-approprijazzjoni indebita u l-istorn hija importanti, jittieħed oltre minn hekk mill-Imħallef William Harding fis-sentenza tiegħu ***Rex vs. Achille Borg*** tad-29 ta' Jannar 1948. F'din is-sentenza, il-Qorti Kriminali kienet iddeċidiet is-segwenti : -

> Att t'akkuża fejn l-Attorney General jassumi li l-akkużat huwa impjegat pubbliku u għalhekk, billi l-addebitu jkun t'approprijazzjoni ta' flus, jakkużah fuq storn, ma hux difettuż; anzi dak l-att kien ikun difettuż kieku l-Attorney General, wara li ppremetta li l-akkużat hu impjegat pubbliku, jakkużah b'delitt fejn ma tidħolx dik il-kwalifika ta' impjegat pubbliku.

58. Fi ftit kliem, ġaladarba l-approprijazzjoni tal-flus tkun seħħet minn impjegat jew fil-kuntest attwali Uffiċjal Pubbliku fl-eżerċizzju ta' wieħed mill-mansjonijiet tiegħu t'Uffiċjal Pubbliku, l-akkuża li kellha tkun kontestata lill-appellant **kellha tkun dik ta' storn u mhux reat ieħor** in kwantu jekk l-approprijazzjoni tal-flus tkun seħħet minn dak l-impjegat ossija Uffiċjal Pubbliku, ir-reat kompetenti kellu jkun dak tal-istorn. **Altrimenti, dik l-akkuża, skont l-Imħallef Harding, kienet tkun difettuża**.

59. Din hija wkoll il-posizzjoni li tittieħed mill-Qrati Taljani fejn l-att ta' nutar li japproprija ruħu minn flejjes li jkunu ġew fdati lilu biex jitħalsu lill-Erarju Pubbliku huwa prosegwibbli bir-reat ta' pekulat u mhux biss bl-approprijazzjoni indebita aggravata. Hekk per eżempju ġie deċiż :

> **Ufficio Indagini preliminari Firenze, 02/02/2016, n.241.**
> L'attività di riscossione dell'imposta costituisce senza dubbio un'attività amministrativa disciplinata da norme di diritto pubblico e da atti autoritativi, di guisa che l'incasso ed il successivo versamento della stessa non si esauriscono di certo in attività meramente materiale, implicando,

quantomeno, un'attività di attestazione del verificarsi del presupposto dell'imposta, di concreto esercizio della pretesa di pagamento ed ancora dell'attestazione dell'avvenuto versamento (e dunque riscossione) o non versamento (e dunque non riscossione) della medesima. In tal senso, e dunque per la configurabilità del reato di peculato, sembra essersi orientata la giurisprudenza di legittimità della Suprema Corte in relazione a casi analoghi a quello per cui si procede: così, ad esempio, la Sezione VI, con la sentenza n. 20132 dell'11.3.15, ha riconosciuto la sussistenza del peculato nei confronti del notaio che si appropria di somme ricevute dai clienti per il pagamento dell'imposta di registro riguardante atti di compravendita immobiliare da lui rogati. Ed ancora, la dottrina ha chiarito come l'albergatore debba essere considerato, riguardo alla riscossione dell'imposta di soggiorno, un agente della riscossione e non un sostituto d'imposta né un responsabile d'imposta. Da quanto precede deriva che in caso di mancato versamento dell'imposta riscossa, egli debba rispondere di peculato.[19]

60. Qari ta' din il-ġurisprudenza turi li, bħar-reat ta' storn f'Malta, ir-reat tal-*peculato* qiegħed hemm biex irażżan l-azzjoni tal-Uffiċjal Pubbliku li japprofitta mill-posizzjoni tiegħu t'Uffiċjal Pubbliku u li f'idejh il-privat ikun ikkonsenja l-flejjes jew l-oġġetti mobbli minħabba obbligu li dawn jiġu mgħoddija lill-Erarju Pubbliku. L-approprijazzjoni indebita, mill-banda l-oħra, tkopri *inter alia*, x-xenarji ta' approprijazzjoni ta' effetti mobbli bejn suġġetti privati, jew li almenu r-riċevent ma jkunx jirrikopri l-kariga ta' Uffiċjal Pubbliku li jkun approfitta ruħu mill-posizzjoni tiegħu. In definittiva, filwaqt li l-approprijazzjoni indebita tikkostitwixxi tradiment tal-fiduċja privata kommess minn suġġett privat fl-isfera privata tiegħu, l-istorn jikkostitwixxi tradiment tal-fiduċja pubblika, kommess mill-uffiċjal jew impjegat pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu jew tal-professjoni tiegħu.

[19] Ara : < https://studiolegaleramelli.it/2019/05/14/mancato-versamento-dellimposta-di-soggiorno-riscossa-dai-clienti-risponde-di-peculato-lalbergatore-anche-se-versa-in-stato-di-crisi-finanziaria/> aċċessat 2 ta' Ġunju 2020.

61. Il-provi juru li l-appellant kien Nutar Pubbliku u li huwa aġixxa bħala Nutar Pubbliku meta rċieva l-flejjes rappreżentanti t-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti mingħand il-klijenti tiegħu. Huwa approprija ruħu minn dawn il-flejjes billi ddepożitahom f'kontijiet bankarji li ma kienux tiegħu, jew rikonduċibbli l-professjoni tiegħu, iżda ddepożitahom f'kont bankarju ta' Elpirega Limited jew ġew depożitati minn martu – mingħajr l-għarfien jew kunsens tal-klijenti tiegħu. Dawn it-taxxi ġew konsenjati lilu u debitament miġbura minnu, fil-kapaċita tiegħu ta' Nutar Pubbliku – ergo b'delega t'Uffiċjal Pubbliku mogħtija lilu mill-Liġi Notarili fit-twettieq tal-obbligi tiegħu taħt L-Att dwar it-Taxxa tad-Dokumenti u Trasferimenti.

62. In-Nutar Pubbliku f'dan il-każ approprija ruħu minn somom ta' taxxa billi jew ikkonvertihom għalih jew għal ħaddieħor jew żammhom għandu għal benefiċċju tiegħu jew ta' ħaddieħor; jew inkella żammhom f'kontijiet terzi għal żmien twil ħafna mingħajr ma wettaq dak li kien mistenni minnu – ċjoe li jivversa l-flus lill-Kummissarju tat-Taxxi fiż-żmien debitu.

63. Mistqarr dan kollu, din il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ, l-akkuża li kienet pertinenti u kontestabbli fil-konfront tal-appellant fir-rigward tal-maġġor parti tal-flejjes li ġew mgħoddija lilu f'taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti, ma kienetx dik tal-approprijazzjoni indebita aggravata iżda kellha tkun dik ta' storn taħt l-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali. Bl-istess raġunar tal-

Imħallef Harding fis-sentenza ***Achille Borg***, f'dan il-każ l-appellant, li kien Nutar eżerċenti u li wettaq dan ir-reat f'dik il-kariga, jirriżulta li ġie imħarrek ħażin meta ġie mixli bl-approprijazzjoni indebita fl-ewwel erba' imputazzjonijiet. Fir-rigward tat-taxxa miġbura minnu u mhux imħalsa lill-Erarju Pubbliku l-akkuża kontra tiegħu **kellha tkun** dik ta' storn u mhux reat ieħor in kwantu jekk l-approprijazzjoni ta' dawn il-flejjes rappreżentanti taxxi tkun seħħet minn Uffiċjal Pubbliku, ir-reat kompetenti kellu jkun dak tal-istorn. **Altrimenti, dik l-akkuża kienet tkun difettuża**.

64. Jirriżulta wkoll li minbarra dawn it-taxxi imħalsa lill-appellant kien hemm ammonti ferm iżgħar li kienu jirrapreżentaw ħlasijiet li l-klijenti kienu għamlu lil dan in-Nutar biex huwa jirrendilhom is-servizzi ta' reġistrazzjoni tal-att, joħorġilhom il-kopji u spejjeż oħra li huma marbuta mal-pubblikazzjoni tal-att causa mortis u l-ħlas tat-taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi. Għalkemm dawn il-flejjes ġew imħalsin lill-appellant u huwa konfermat li huma inklużi fil-ħlasijiet magħmula minnhom, jirriżulta li fil-każ tal-familji Agius/Deguara għalkemm huwa tħallas inkluż tal-ispejjeż tal-insinwar, riċerki, kopji, u mixxellanja,[20] fil-fatt l-appellant spiċċa li l-anqas biss wettaq ir-reġistrazzjoni tal-att u l-ħlas tat-taxxa. Huwa approprja ruħu mill-flejjes u żgur ma użax il-flejjes mogħtija lilu għall-iskop li ġew imħalsa lilu. L-istess jista' jingħad fir-rigward tal-familja Pace.[21] L-użu speċifiku li għalih huma kienu ħalsu dawk

[20] Ara fol 25.
[21] Ara fol 30.

il-flejjes spiċċa biex ma twettaqx minkejja li l-flejjes kollha mħalsa lilu minn dawn il-familji ġew depożitati fil-kont ta' Elpirega Limited, kumpanija li skont il-memorandum and articles of association tagħha hija kumpanija imwaqfa għall-*building development and construction* bejn l-appellant u martu.

65. Inoltre fil-każijiet tal-familji Cini u Sciberras jirriżulta li l-appellant kien ukoll irċieva flejjes fl-ammonti ta' €1565 u €21,200 rispettivament. F'dawn iż-żewġ każijiet jirriżulta li Cini u Sciberras kienu marru jagħmlu kwerela minħabba l-fatt li l-appellant ma kienx irreġistra l-att dikjaratorju *causa mortis* u ma kienx ħallas it-taxxa dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi. Biss wara li kien kwerelat jirriżulta li l-appellant kien irreġistra dawn l-atti u ħallas it-taxxa dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi. Joseph Cini stqarr li huwa ried jirrinunzja għall-azzjoni kontra tal-appellant. Lourdes Sciberras a fol 141 iddikjarat li kemm hi kif ukoll uliedha ma kellhom jieħdu xejn mingħand l-appellant u li kemm hi kif ukoll uliedha kienu tħalsu għas-saldu tal-pretensjonjiet tagħhom.

66. Illi l-mill-assjem tal-provi prodotti f'dan il-każ, din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati qabilha, tqis li l-Prosekuzzjoni ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellant ikkommetta episodji ta' distorn ta' flejjes rappreżentanti taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti u li ġew mgħoddija lilu minn uħud mill-klijenti tiegħu sabiex huwa jħallashom lill-Kummissarju tat-Taxxi, u mill-kumplament tal-flejjes imħalsin lilu u li ma kienux rappreżentanti taxxa, mingħajr ma uża dawn il-flejjes għall-iskop

li ġew imħalsa lilu. L-appellant mhux biss ma wassalx dawn it-taxxi miġbura minnu lill-Kummissarju tat-Taxxi fil-ħin stabbilit, talli f'żewġ każijiet (fil-każ t'Agius u ta' Pace) ma ħallashom qatt. Verament li fil-każijiet tal-familji Sciberras u Cini l-appellant ħallas it-taxxa dovuta u rreġistra l-att. Iżda dan seħħ wara li huwa ġie kkwerelat u mhux qabel. Sadattant il-flejjes mgħoddija lilu minn dawn il-familji kien irċevihom immedjatament.

67. Kif ingħad fis-sentenza, aktar il-fuq imsemmija : -

> In mitigazzjoni r-rikorrent jinvoka l-fatt li huwa għamel tajjeb għall- ħsara li huwa għamel billi rrimborża l-ammont kollu li huwa kien akkwista b'qerq, u dan ċertament irid jittieħed kont tiegħu favurih.... Għandu jiżdied li r-rifużjoni ta' dak gwadanjat illegalment ma hux suffiċjenti sabiex isewwi l-ħsara lill-fiduċja pubblika li tkun saret b'reat bħal dak ta' llum meta kommess minn uffiċjal pubbliku bħal ma hu nutar pubbliku.

***Ikkunsidrat : -***

68. Fit-tieni aggravju huwa jilmenta li ma setgħax jagħmel mod ieħor in kwantu l-Kummissarju tat-Taxxi ma jaċċettax ċekkijiet t'individwi jew personali tan-nutara, iżda biss bank *drafts*. Għalkemm din il-prassi hija vera, kull Nutar prattikanti b'mod onest jaf li ma għandux iħallat il-flejjes f'taxxa miġbura u depożitati għandu mingħand il-klijenti ma' flejjes tiegħu personali jew ta' familjari tiegħu jew saħansitra ma fondi ta soċjeta kummerċjali!

69. L-appellant ma jirriżultax li ddepożita dawn il-flejjes f'xi kont bankarju ta' depożitu notarili[22] biex minnu jkun jista' joħroġ il-

[22] Bħal dak imsemmi fl-artikolu 24A tal-Kapitolu 55 tal-Liġijiet ta' Malta.

flejjes biex isiru l-*bank drafts* relattivi. Minflok, jirriżulta li l-flejjes prinċipalment f'taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti miġbura mingħand Agius u Pace ġew depożitati fil-kont ta' Elperega Limited, filwaqt li t-taxxa miġbura mingħand Cini ġew depożitati f'kont f'isem il-mara tiegħu Helen Falzon. Ma jirriżultax ċar fejn kienu marru l-flejjes li kienu ġew mogħtija lilu mingħand il-familja Sciberras.

70. Jirriżulta wkoll li l-appellant ma kien ta ebda informazzjoni lill-klijenti dwar dawn id-depożiti f'kontijiet li ma jirriżultawx li kienu xi kontijiet għal depożiti notarili jew almenu r-raġunijiet għal tali depożiti. Fil-każ tal-familji Sciberras u Cini, l-appellant kien ħallas it-taxxa **wara** li kienet saret il-kwerela kontra tiegħu **żmien twil wara** li kien irċieva mingħandhom it-taxxa dovuta minnhom u wara li kien inġieb Malta.

71. Fil-każijiet tal-familji Agius u Pace dawn kellhom jerġgħu jagħmlu l-ħlasijiet kollha mill-ġdid, bis-servizzi ta' nutara differenti. Fil-każ ta' Pace id-dannu li sofrew kienu wkoll jinkludu l-penali li kellhom iħalsu minħabba li t-taxxa li huma kienu ħaslu lill-appellant u li kellhom jerġgħu iħalsu lin-nutar Vella spiċċat tħalset tardivament.

72. L-appellant jgħid li kien rinfaċċjat bi problemi ta' mandati ta' sekwestri jew iffriżar tal-assi u xi provi f'dan is-sens jirriżultaw ukoll – għalkemm mhux ċar għall-aħħar fir-rigward ta' kemm kien hemm minn dawn l-atti kawtelatorji u f'liema żmien seħħew u kienu fis-seħħ. Biss l-appellant, rinfaċċjat b'dik is-sitwazzjoni, kellu jżomm lura milli jippubblika atti u jiġbor flejjes f'taxxi meta

kien konxju li dawn ma setgħax jiddisponi minnhom skont il-Liġi u skont l-iskop li għalihom kienu ġew imħalsin lilu jew li jwettaq l-inkariku tiegħu t'Uffiċjal Pubbliku b'mod xieraq.

73. Il-provi f'dan il-każ juru li l-appellant mhux biss naqas minn dmirijietu minħabba element ta' negliġenza kif jgħid fir-raba' aggravju jew li għamel biss xi atti inetiċi. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet, in bażi għall-assjem tal-provi kollha prodotti quddiemha tikkonkludi li l-appellant kien żamm jew approprja ruħu minn jew uża il-flejjes f'taxxi mgħoddija lilu għal għanijiet oħra differenti minn dawk li ġew depożitati għandu. Irriżulta wkoll li l-appellant kien għamel żmien konsiderevoli l-bogħod minn Malta, fejn kien telaq lill-klijenti tiegħu għal riħhom, jaffrontaw il-problemi, *inter alia*, naxxenti minn nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-atti pubblikati minnu u n-nuqqas ta' ħlas tat-taxxa miġbura minnu, bil-flejjes jibqgħu miżmuma minnu u minn martu jew mis-soċjeta kummerċjali msemmija meta dawn it-taxxi kellhom jitħalsu fil-ħin lill-Kummissarju tat-Taxxi. Konsegwenza ta' dan l-egħmil, il-klijenti tiegħu sofrew danni finanzjarji u oħrajn, kif spjegat minnhom f'dan il-każ.

***Ikkunsidrat : -***

74. Illi dan qiegħed jingħad b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-ħames imputazzjoni li titratta r-reat kontemplat fl-artikolu 138 tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid : -

> Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, dolożament, bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi att mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, b'tagħkis jew bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa:
>
> Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

75. Illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni kellha tixli lill-appellant bir-reat ta' storn. Iżda jirriżulta ċar li l-kondotta tal-appellant f'dan il-każ, anke mill-eżempji legali miġjuba aktar il-fuq f'din is-sentenza, fejn in-nuqqasijiet kommessi minnu – apparti l-istorn – kienu jiksru wkoll id-doveri tiegħu taħt il-Liġi dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarjili, nonche l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti. L-appellant f'dan il-każ, kemm kiser dmirijietu kif ukoll naqas minn dmirijietu kif imsemmija f'dawk il-Liġijiet, u abdika mir-responsabbiltajiet tiegħu ta' Nutar Pubbliku meta saħansitra telaq għal żmien indefinit barra minn Malta; u fost dan kollu naqas milli jirreġistra l-atti u jħallas it-taxxa miġbura minnu fiż-żmien kif ukoll li jagħmel dawk l-atti suċċessivi u konsegwenzjali għall-pubblikazzjoni t'att pubbliku *causa mortis*. Dan jirriżulta li ssarraf ukoll f'dannu f'dan il-każ, żgur fil-każ tal-familja Pace.

76. Huwa għamel dan dolożament u bi ħsara ta' ħaddieħor. Dolożament hawnhekk trid tinqara mhux biss fil-forma t'intenzjoni pożittiva diretta iżda wkoll fis-sens t'intenzjoni pożittiva indiretta. Kif għallem il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent

de Gaetano fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Julian Genovese*** tat-12 t'Awissu 2010 :

> Sfortunatament hija opinjoni popolari, izda wahda zbaljata, anke fost certi avukati, li l-intenzjoni pozittiva indiretta hija relevanti biss fil-kaz tar-reat ta' omicidju volontarju. Kif diga` nghad, dan ma hux minnu. Ghalhekk meta l-appellant tefa' l-oggetti u kkaguna hsara fil-proprjeta` tat-tifla, dan certament ma kienx kaz ta' semplici negligenza (Art. 328), fis-sens li hu naqas milli jipprospetta l-hsara, izda huwa ra l-hsara fil-proprjeta` taghha bhala konsegwenza probabbli ta' ghemilu u, anke jekk huwa ma riedx dik il-hsara fil-proprjeta` tat-tifla, xorta wahda wettaq l-ghemil li gab dik il-hsara. Ghalhekk ilhsara hija wahda volontarja.

77. Dan ifisser li l-appellant, bħala Uffiċjal Pubbliku dolożament, bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, naqas li jagħmel xi att mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu – billi volontarjament abdika mir-responsabbiltajiet tiegħu t'Uffiċjal Pubbliku in kwantu Nutar Pubbliku b'mod partikolari meta telaq minn Malta għal żmien indefinit tant li kellu jinġieb lura Malta; naqas milli jħallas it-taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti dovuta fil-ħin, u naqas milli jirreġistra tal-atti tad-dikjarazzjoni *causa mortis* fil-ħin, u naqas milli jwettaq dawk l-atti suċċessivi jew konsegwenzjali kollha meħtieġa minnu bħala Nutar Pubbliku wara l-pubblikazzjoni t'att pubbliku *causa mortis* u li għalihom huwa kien ukoll ġie mħallas mill-klijenti tiegħu. Dawn in-nuqqasijiet għakksu jew għamlu ħsara lil klijenti tiegħu, uħud minnhom aktar minn oħrajn. Dan japplika mingħajr ħsara għal kull responsabbilta' penali oħra konkomitanti kontemplata f'dawk il-Liġijiet speċjali u li bihom l-appellant ma ġiex mixli f'dawn il-proċeduri.

78. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati li f'dan il-każ il-mod kif in-Nutar kien proċeda wassal biex il-klijenti sofrew preġudizzju kbir ħafna. Taqbel ukoll li fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, in-Nutar huwa suġġett għal grad ta' diliġenza superjuri għal dik ta' persuna medja. Inoltre, dan il-grad japplika kemm għall-opera professjonali fiha nnifisha kif ukoll għal dak li huma l-atti preparatorji u suċċessivi meħtieġa sabiex tiġi assikurata kemm is-serjeta kif ukoll iċ-ċertezza tal-att pubbliku riċevut minnu kif ukoll li tassikura li jintlaħqu l-iskopi u finalitajiet kollha li jitnisslu minn u li jkunu jridu jiġu milħuqa bil-pubblikazzjoni ta l-att pubbliku.

***Ikkunsidrat : -***

79. Illi l-ħames aggravju jilmenta l-fatt li l-artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla l-interdizzjoni ġenerali perpetwa, ma kienx applikabbli għar-reati li bihom kien ġie mixli. L-appellant, dwar dan, għandu in parti raġun. Il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tordna l-interdizzjoni ġenerali perpetwa taħt l-artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu dan l-artikolu japplika biss għall-dawk il-każijiet fejn l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jkun ġie misjub ħati fid-delitti ta' falsifikazzjoni. F'dan il-każ ma kien hemm ebda ħtija fir-reat ta' falsifikazzjoni. Madanakollu l-Qorti tal-Maġistrati xorta waħda sabet lill-appellant ħati taħt l-artikolu 138 tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk hija setgħet legalment u raġonevolment tordna l-interdizzjoni ġenerali perpetwa taħt l-artikolu 140 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li fil-każijiet ikkontemplati fl-artikoli 133 sal-139 inklużivament, il-Qorti

tista', mal-piena hemm fihom imsemmija, iżżid il-piena tal-interdizzjoni ġenerali, temporanja jew perpetwa.[23]

## *Decide : -*

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi filwaqt li : -

(a) tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

(b) tħassarha f'dik il-parti tas-sentenza fejn : -

(i) sabet lill-imputat ħati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet t'approprijazzjoni indebita u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom u dan peress li ssib li huwa kellu jiġi mixli bir-reat ta' **<u>storn</u>** minflok;

(ii) erogat il-piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal perjodu t'erba' snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u fejn ordnat l-interdizzjoni ġenerali perpetwa ai termini tal-artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali;

(c) u minflok

[23] Dan mingħajr preġudizzju għal dak li jinstab fl-artikoli 14(1)(f) u 139 tal-Kapitolu 55 tal-Liġijiet ta' Malta.

(i) tikkundannah għall-piena ta' priġunerija għal perjodu ta' **tliet xhur** li bis-saħħa tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħda tordna li din ma għandhiex tiġi fis-seħħ u dan sakemm **fi żmien tliet snin millum** l-imputat ma jikkommettix reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

(ii) Inoltre ai termini tal-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati li jirrestitwixxi **lil Margaret Pace s-somma ta' disat elef u erba' mitt euro (€9,400)** filwaqt li jirrestitwixxi **s-somma ta' tliet elef erba mija u ħames euro (€3,405) lil Joseph Deguara** fi żmien massimu permissibbli mill-Liġi ta' sitt xhur.

(iii) Il-Qorti tiddikjara li hija spjegat bi kliem sempliċi u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li l-appellant ma jżommx mal-ordnijiet imposti fuqu bis-saħħa tal-artikoli 28A, 28B u 28H aktar il-fuq imsemmija.

(iv) Inoltre dil-Qorti qegħda tordna wkoll l-interdizzjoni ġenerali perpetwa tal-ħati ai termini tal-artikolu 140 tal-Kodiċi Kriminali, u

(v) Safejn mhux mibdula b'din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tagħha.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***